MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1544/2004

**Mixer Concrete Works Limited**

**Vs**

**IAS Limited u Philip James u**
**Carmen konjugi Zammit**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm669.06c (sitt mija u disgha u sittin lira Maltin u sitt centezmi) rapprezentanti prezz ta' materjal mibjugh u kkonsenjat.

Sema' lill-konvenut Philip James Zammit li ammetta t-talba attrici kif dedotta izda kkontesta li m'ghandux ibati spejjez stante kien hemm ftehim ta' dilazzjoni fil-hlas sat-30 ta' Settembru, 2004 u l-kawza giet intavolata fis-6 t'Awissu, 2004. Qal ukoll li sal-lum is-sorte ghadu dovut.

Illi ghalhekk kull beneficcju ta' zmien ghall-hlas ghadda inutilment. Kien ikun kaz differenti kieku l-hlas kien lahaq sar sat-30 ta' Settembru, 2004.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' Lm669.06c (sitt mija u disgha u sittin lira Maltin u sitt centezmi), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------